MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta ta' l-14 ta' Settembru, 2004

Numru 358/1999

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**Vs**

**Jesmond Bugeja**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imptutat Jesmond Bugeja ta’ numru ta’ karta ta’ identita’ 376470(M), akkuzat talli:

- nhar l-4 ta’ Mejju 1992, f’xi hin bejn it-8.30am u 6.30pm ikkommetta serq ta’ diversi oggetti tad-deheb u oggetti ohra domestici bhal Hi-Fi u ‘komputer’ li jiswew aktar minn elf lira (Lm1000) ghad-dannu ta’ Michael Azzopardi liema serq huwa aggravat bil-mezz u l-valur;

- fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fl-aperturi tal-imsemmi lok, ghad-dannu ta' l-imsemmi Michael Azzopardi mill-Iklin;
- fil-hin u f'bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, xjentement laqa' ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Rat l-artikoli tal-ligi mahruga mill-Avukat Generali fejn dehrlu li setghet tinstab htija jew htijiet kontra l-imputat.

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli b'serq ikkwalifikat bil-mezz u l-valur. Huwa mixli wkoll li kkaguna hsara volontarja; dana apparti r-ricettazzjoni bhala reat alternattiv ghal dak tas-serq.

Illi ghandu johrog ovvju mill-provi li l-akkuza ta' ricettazzjoni ma treggix u konsegwentement din il-qorti mhux ser tikkonsidrha aktar. Mill-provi pero' jirrisulta sodisfacjentement li fil-gurnata de quo bejn it-8.30 ta' filghodu u s-6.30 ta' filghaxija l-imputat wettaq is-serqa meritu ta' din il-kawza liema serqa saret mill-fond jismu ''Soleil'' f'New Street in Iklin Valley, limiti Hal-Lija, ghad-detriment ta' Michael Azzopardi, li miet fil-mori tal-kawza. Il-kolpevolezza tal-imputat tohrog esawrientement cara f'dan il-kaz sija minhabba ix-xebh fl-impronti digitali prelevati mill-fond fl-inkjesta ma' dawk tal-imputat u kemm mill-atteggjament tal-imputat innifsu, li fil-waqt li cahad kull involviment tieghu f'din is-serqa, mil kif ittanta jakkampa alibi, rnexxilu biss isahhah il-konvinciment f'din il-qorti li s-serqa wettaqa hu. Fuq kollox l-imputat fl-ebda stadju ma ipprova , jew mank ittenta, jiggustifika kif l-impronti tieghu instabu proprju fil-fond in kwistjoni u hawnhekk mhux qeghdin nghidu ta' impronta wahda izda addirittura ta' tnejn. Jirrisulta wkoll sodisfacentement

pruvat li s-serqa kienet kwalifikata bil-mezz u l-valur; ta' l-ewwel mir-risultanzi tal-inkjesta u t-tieni mix-xhieda tad-ditta tal-insurance li rrisarcit, jekk mhux f'kollox almenu in parti lid-derubat, f'ammont l-fuq minn Lm1000.

Illi dwar il-piena, fil-waqt li huwa manifest, li l-imputat ghandu fedina penali refrattarja, din is-serqa tidher li kienet l-ewwel wahda tieghu u jidher li kienet relattata mal-abbuz tieghu mid-droga. Sussegwentement l-imputat instab hati ta' diversi serqiet ohra, pero' jirrisulta li illum hu qabad it-triq it-tajba u qieghed jghix hajja fis-sewwa flimkien ma' martu u z-zewg uliedu. Ghalhekk, fic-cirkustanzi u tenut kont li din kienet l-ewwel serqa li rrizultat, din il-qorti mhux tal-fehma li ghandha tadotta l-prigunerija effettiva izda ghandha timponiha bhala sospiza sabiex tassikura li l-imputat ma jergax jaqa' fil-kriminalita'.

Rat ghalhekk l-Artikolu 261(b)(c), 264, 267, 278, 279, 280, 325(d) u 17(h) tal-Kap 9 u fil-waqt li ssib l-imputat hati tal-ewwel zewg akkuzi tilliberah mit-tielet, u qeghdha tikkundannah sentejn prigunerija sospizi ghall-erba' snin bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28G taghmel ordni ta' supervizzjoni taht il-probation officer, Mary Rose Farrugia tul il-perjodu kollu tal-perjodu operattiv ta' dina s-sentenza.

Il-Qorti spjegat lill-imputat r-responsabiltajiet tieghu li johorgu minn dina s-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------